366

ERA

TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

MFF LIMITED (C-15284)

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
27 SEP 2018
FLORIANA

-VS-

Awtorita tal-Ambjent u r-Riżorsi

APPELL MINN ORDNI TA' WAQFIEN U KONFORMITA NRU. 0012/18 MAĦRUĠA SKOND L-ARTIKOLI 74, 76, 77 u 78 TAL-ATT I TAL-2016 DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP.549)

RIKORS TAL-APPELL TA' MFF LIMITED:-

*Tesponi bir-rispett:*

1. Illi peremzz ta' Ordni Nru. 0012/18 maħruġa mill-Awtorita tal-Ambjent u r-Riżorsi nhar is-7 t'Awwissu, 2018 is-soċjeta' appellanti ġiet notifikata bi ksur tar-regolamenti ambjentali ġewwa MFF Limited, Sout-East Aquaculture Zone, liema vjolazzjonijiet jikkonsistu f'nuqqas ta'konformita' mal-kundizzjonijiet tal-Permess Ambjentali (EP 004/17), senjatament il-kundizzjonijiet 1.4.7, 2.2.2, 2.3.1.2, 2.3.2.6, 2.3.2.7 u 2.9.1 (kopja tal-ordni hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok. MF1**");

2. Illi preliminarjament, jiġi rilevat illi l-appellanti MFF Limited 'rċiviet' kopja tal-ordni surriferita nhar is-sibt 11 t'Awwissu, 2018 ġewwa l-uffiċċju reġistrat tagħha, b'dan illi madanakollu, tali kopja ma' tħallietx f'idejn rappreżentant tal-kumpanija. Għal kuntrarju, u kif ser jiġi pruvat fil-perkors ta' dan l-

appell, kopja tal-ordni in kwistjoni ngħatat biss lis-*security officer* li kien fuq il-post dakinhar u li kien l-unika individwu preżenti fuq is-sit;

3. Illi di piu, in segwitu għall-allegati vjolazzjonijiet u dejjem skond l-Ordni *de quo*, l-Awtorita tal-Ambjent u r-Riżorsi mponiet multi għal kull ġurnata kif elenkati fit-Tieni Skeda ta' multi għal kull Ġurnata tar-Regolamenti Dwar Multi Għal Kull Ġurnata Rigward l-Ambjent (L.S. 549.72);

4. Illi tant u hekk, permezz ta' ittra mibgħuta mill-Bank of Valletta u datata' s-27 t' Awwissu, 2018, is-soċjeta' appellanti ġiet infurmata illi parti, ossia bilanċ ta' tmintax-il elf, mitejn u ħamsin Ewro (€18,250), mill-garanzija nru. G79TFC48846 - mħollija mill-appellanti in konnessjoni mal-Permess Ambjentali EP 004/17 a favur l-Awtorita tal-Ambjent u r-Riżorsi fl-ammont oriġinali ta' disa' w ħamsin elf, tmin mija u ħamsin Ewro (€59,850.00) - ġiet rilaxxata lill-istess Awtorita in segwitu għall-allegati vjolazzjonijiet imsemmija fl-ordni *de quo*;

5. Illi l-esponenti ħasset ruħha aggravata bid-decizjoni tal-Awtorita appellata u qiegħda għalhekk tinterponi dan l-umli appell quddiem dan it-Tribunal abbażi tal-aggravji segwenti:

<u>A. **L-Ewwel Aggravju** – Is-soċjeta' appellanti ma' ġietx notifikata kif meħtieġ bl-ordni maħruġa fil-konfront tagħha mill-Awtorita appellata</u>

Illi, s-soċjeta' esponenti tirrileva illi hija rċiviet l-Ordni *de quo* nhar is-sibt 11 t'Awwissu, 2018, u ċioe' ġurnata illi fiha ma kien hemm ħadd fuq il-post tax-xogħol għajr għal *security officer* li kien għassa mas-sit.

Illi issir referenza wkoll għall-Artikolu 86(1)(d) tal-Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta li jispeċifika illi:

*(1) Meta xi avviż, ordni, att jew dokument ieħor, ikun xi jkun, huwa meħtieġ jew awtorizzat li jiġi notifikat jew mogħti skont jew taħt dan l-Att, dan jista' jiġi notifikat jew mogħti b'xi wieħed mill-modi li ġejjin:*

*... (d) 'każ ta' korp azjendali jew għaqda oħra ta' persuni, billi jingħata f'idejn uffiċjal jew impjegat tagħhom fl-uffiċċju reġistrat jew f'dak prinċipali, jew inkella billi jintbagħat b'ittra reġistrata indirizzata lill-korp jew għaqda f'dak l-uffiċċju...*

Hawn tajjeb jingħad illi, nonostante s-suespost, hawn si tratta dwar impożizzjoni ta' multi ġurnaljieri, u mhux ordni kwalunkwe, u għalhekk – fl-isfond ukoll tal-aggravji li ser isegwu – xorta waħda jeħtieġ illi n-notifika rigwardanti l-impożizzjoni ta' tali multi issir skond dak li trid il-liġi f'tali kuntest.

**B. It-Tieni Aggravju** – l-Awtorita' qatt ma kella dritt li timponi xi forma ta' multa fil-kaz odjern

F'dan l-ambitu, ibda biex jingħad illi l-imponibbilita' o meno' ta' kwalsiasi multa jew penali ta' natura kriminali għandha tiddependi strettament fuq sejbien ta' ħtija minn Qorti kompetenti, u wara responsabbilta skond il-liġi. B'dan jissussisti li tali multi ma' jistgħux jiġu applikati arbitrarjament minn awtorita pubblika (kif propju ġara fil-każ in eżami) mingħajr ma' jkun għadu lanqas biss ġie determinat jekk il-vjolazzjoni li segħtet tat lok għall-multi relttivi hix imputabbli lill-min huwa mixli bl-istess infrazzjoni.

Illi dan ir-raġunament huwa sorrett bil-ħsieb illi l-imposizzjoni tal-multi minn Awtorita' pubblika tmur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta, u dana kif ultimament ġie deċiż fil-kawża *'Federation of Estate Agents (Numru ta' Reġistrazzjoni APA-53) v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et'* (deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Mejju 2016).

Illi huwa sottomess li l-multi mposti fuq s-soċjeta' appellanti mill-Awtorita appellata huma ta' natura penali u għalhekk huma ntizi li jkunu ta' detterent. Għaldaqstnat, il-multi imposti irendu l-proċedura kontra l-appellanti waħda ta' natura kriminali. Di fatti l-Ordni ta' Waqfien u Konformita u l-multi imposti taħt l-istess jidhlu fid-definizzjoni ta' *'reat kriminali'* skont l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u *'criminal charges/offences'* skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Illi propju skond Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-klassifikazzjoni ta' ksur ta' disposizzjoni legali fil-ligi domestika bhala waħda 'amministrattiva' jew 'regolatorja' m'għandux jitqies kriterju determinanti. Bl-istess mod, is-sempliċi l-fatt li huma kklassfikati bhala multi amministrattivi ma jffissirx li dan huwa l-kaz. Fil-fatt ir-rekwiżiti ewlenin ghall-karatterizzazzjoni tal-liġi partikolari huma dawk gja` imsemmija hawn fuq u cioè: **in-natura tal-ligi** (Bendenoun v France, para 47); **is-severità tal-piena** (Vastberga Taxi Aktiebolag and Vulic v Sweden, para 80), u **l-iskop penali deterrenti tal-multa** (Bendenoun v France, para 47 u JB v Switzerland 3 Mejju 2001, para 48);

Illi akkuzi ta' reati kriminali għandhom jigu determinati eskluzivament minn Qrati indipendenti u imparzjali. Illi ċertament, l-Aworita` tal-Ambjent u r-Riżorsi ma tikkwalifikax bħala Qorti jew Tribunal ai termini tal-liġi u dan ghaliex l-multi wara l-Ordni ta' Waqfien u Konformita huma ta' natura kriminali u l-proċeduri jigu determinati minn organi li ma humiex Qorti, bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-appellanti taħt l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja;

<u>C. **It-Tielet Aggravju** – Dak li qed titlob l-Awtorita tal-Ambjent u r-Riżorsi ma' ġiex ippruvat</u>

Illi finalment u fil-mertu, is-soċjeta' appellanti ssostni illi dak li qed jintalab mill-Awtorita appellata, u ċioe' l-impożizzjoni ta' multi abbażi ta' allegat ksur tar-regolamenti ġja msemmija, ma ġiex sodisfaċjentement ippruvat.

Illi wieħed kien ta' lanqas jistenna illi qabel ma jiġu imposti tali multi l-Awtorita tivverifika mad-Dipartiment tas-Sajd - li għandu fidejħ il-ġestjoni tas-siti tal-Akwakultura – jekk ippreżentax l-informazzjoni meħtieġa f'dan ir-rigward.

Illi fin-nuqqas ta' dan, ma jibqax ħlief konklużjoni waħda, u ċioe' illi l-Awtorita appellata għamlita, sia ta' prosekutur u kif ukoll ta' ġudikant fil-każ odjern.

**GHALDAQSTANT**, in vista tas-suespost u filwaqt li tirriserva li tressaq ragunijiet, provi u sottomisjonijiet ulterjori skont il-kaz, l-appellanti titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jilqa' l-appell taghha u dan billi jhassar u jirrevoka l-ordni ta' waqfien u konformita' tas-7 t''Awwissu, 2018 u kwalsiasi multi imposti tramite l-istess, bl-ispejjez kontra l-Awtorita' appellata u b' riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' appellanti skont il-ligi.

**Avv. Franco Vassallo**
MamoTCV Advocates
103, Palazzo Pietro Stiges
Strait Street, Valletta VLT1436

**Avv. Matthew Cutajar**

**<u>ELENKU TA' DOKUMENTI</u>**:

**DOK 'MF1'** - Ordni ta' Waqfien u Konformita datata' s-7 t'Awwissu, 2018

**Avv. Franco Vassallo**
MamoTCV Advocates
103, Palazzo Pietro Stiges
Strait Street, Valletta VLT1436

**Avv. Matthew Cutajar**